ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IL-LIVELLI<br>6 – 7 |
|---|

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Fehim Mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmu l-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom: ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom: ***" Issa se naqralkom l-ewwel silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

3. L-għalliema jaqraw l-ewwel silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***

4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tal-ewwel silta. Wara jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

5. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu ftit ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Wara jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom it-tieni silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

6. L-għalliema jaqraw it-tieni silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***

7. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.

8. L-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

9. Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***" Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi."***

10. L-għalliema inkarigati jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru u l-istudenti jistgħu jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## Il-Qari tal-Ewwel Silta: **Drawwa fid-deżert**

Żewġt irġiel Sudaniżi, imkebba minn rashom sa saqajhom, kienu qed jaqsmu d-deżert meta lemħu tinda tal-bedwini. Ħadu r-ruħ għax is-sħana tax-xemx u r-ramel jikwi taħt saqajhom kienu dgħajfulhom saħħithom. Il-bedwin flimkien ma' martu laqagħhom ħafna tant li tahom l-ilma u saħansitra qatlilhom ġemel u laħmu ġie servut f'ikla abbundanti.

L-għada kif beda jbexbex l-irġiel komplew il-vjaġġ tagħhom. Qabel telqu, billi ma sabux lill-bedwin fit-tinda qabdu mitejn dinar, tawhom lil martu u rringrazzjawha.

Kienu ilhom miexja erba' sigħat meta vuċi tgħajjat warajhom ħasdithom. Ħarsu lura u għall-ewwel ma bdew jaraw lil ħadd bil-qawwa tax-xemx. Imma f'daqqa waħda jaraw lill-bedwin riesaq lejhom. Malli laħaqhom inxteħet għarkupptejh quddiem l-irġiel u tahom lura l-mitejn dinar li kienu ħallew. L-irġiel meta raw dan, ġabu għajnejhom wara widnejhom u ma ridux jieħdu l-flus. Iżda l-bedwin qarras wiċċu u wriehom li bħalma d-deżert jilqa' lill-bedwini kull fejn ikunu u qatt ma jitlobhom xejn lura, l-istess jagħmlu huma mal-barranin li jiltaqgħu magħhom fid-deżert.

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-irġiel imsemmija kienu:
   - a. mill-Eġittu ❑
   - b. mis-Sudan ❑
   - ċ. minn Tunes ❑

2. Kif raw it-tinda tal-bedwini, l-irġiel ________________________________________.

3. Lill-mara tal-bedwin l-irġiel tawha:
   - a. 50 dinar ❑
   - b. 100 dinar ❑
   - ċ. 200 dinar ❑

4. Waqt li kienu mexjin biex inħasdu?
   - a. mir-ramel li kien qed itir ❑
   - b. minn vuċi tgħajtilhom ❑
   - ċ. intebħu li ġew misruqa ❑

5. Kif il-bedwin iltaqa' mal-irġiel:
   - a. beda jgħajjat magħhom ❑
   - b. tahom il-flus lura ❑
   - ċ. ħasilhom bl-ilma kiesaħ ❑

## Il-Qari tat-Tieni Silta: **Il-Bebbuxu**

Il-bebbuxu huwa l-aktar kreatura lajma fid-dinja. Infatti jimxi madwar 50 metru fis-siegħa u dejjem f'forma ta' ċirku. Il-bebbux huwa veġeterjan u jiekol kwalunkwe frott, ħaxix u żrieragħ. Għajnejh jinsabu f'tarf l-antenni t-twal filwaqt li bl-antenni l-qosra jxomm u jħoss dak li jkun qed jiġri madwaru. Il-bebbuxu ma jismax u fil-fatt m'għandux widnejn. Ma jagħmilx ħsejjes u jikkomunika ma' sħabu bil-mess. Għandu sens ta' xamm qawwi ħafna li jużah biex isib l-ikel. Tkun taf kemm għandu żmien billi tgħodd iċ-ċrieki li jkollu fuq il-qoxra. Fost l-għedewwa tiegħu minbarra l-bniedem għandu l-ħanfus, il-fkieren, l-għasafar, is-sriep u ż-żrinġijiet. Il-bebbuxu jmut meta jiekol il-melħ jew iz-zokkor.

**Taħriġ B. Wieġeb skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. Il-bebbuxu huwa magħruf bħala kreatura:
   - a. ħabrieka ❑
   - b. lajma ❑
   - ċ. intelliġenti ❑

2. Il-bebbux iħobb jiekol:
   - a. il-laħam ❑
   - b. l-insetti ❑
   - ċ. il-ħaxix ❑

3. Permezz tal-antenni qosra l-bebbuxu:
   - a. jxomm ❑
   - b. jara ❑
   - ċ. jisma' ❑

4. Tkun taf kemm għandu żmien il-bebbuxu minn kemm ikollu:
   - a. antenni twal ❑
   - b. ċrieki fuq il-qoxra ❑
   - ċ. qoxra b'saħħitha ❑

5. Dan joqtol il-bebbuxu:
   - a. il-frott ❑
   - b. il-melħ ❑
   - ċ. in-nemel ❑

**TMIEM IL-KARTA**

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-LIVELLI**

**6 – 7**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| **IT-TIENI SENA** | **IL-MALTI (Il-Fehim Mis-Smigħ)** | **IL-ĦIN: 15-il minuta** |
|---|---|---|

# IL-KARTA TAL-ISTUDENT/A

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

**IL-MARKA**

______

**10**

L-Ewwel Silta: **Drawwa fid-deżert**

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta**. **(5 marki)**

1. L-irġiel imsemmija kienu:

    a. mill-Eġittu ❑

    b. mis-Sudan ❑

    ċ. minn Tunes ❑

2. Kif raw it-tinda tal-bedwini, l-irġiel ______________________________.

3. Lill-mara tal-bedwin l-irġiel tawha:

    a. 50 dinar ❑

    b. 100 dinar ❑

    ċ. 200 dinar ❑

4. Waqt li kienu mexjin biex inħasdu?

    a. mir-ramel li kien qed itir ❑

    b. minn vuċi tgħajtilhom ❑

    ċ. intebħu li ġew misruqa ❑

5. Kif il-bedwin iltaqa' mal-irġiel:

    a. beda jgħajjat magħhom ❑

    b. tahom il-flus lura ❑

    ċ. ħasilhom bl-ilma kiesaħ ❑

It-Tieni Silta: **Il-Bebbuxu**

**Taħriġ B. Wieġeb skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. Il-bebbuxu huwa magħruf bħala kreatura:

   a. ħabrieka ❑

   b. lajma ❑

   ċ. intelliġenti ❑

2. Il-bebbux iħobb jiekol:

   a. il-laħam ❑

   b. l-insetti ❑

   ċ. il-ħaxix ❑

3. Permezz tal-antenni qosra l-bebbuxu:

   a. jxomm ❑

   b. jara ❑

   ċ. jisma' ❑

4. Tkun taf kemm għandu żmien il-bebbuxu minn kemm ikollu:

   a. antenni twal ❑

   b. ċrieki fuq il-qoxra ❑

   ċ. qoxra b'saħħitha ❑

5. Dan joqtol il-bebbuxu:

   a. il-frott ❑

   b. il-melħ ❑

   ċ. in-nemel ❑

**TMIEM IL-KARTA**

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-LIVELLI**
**6 – 7**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| **IT-TIENI SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| **Taqsima** | **A** | **B** | **Ċ** | **Di** | **Dii** | **Diii** | **E** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | **14** | **10** | **6** | **10** | **10** | **10** | **20** | **80** |
| **Marka tal-Istudent/a** | | | | | | | | |

**Kummenti:**

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Il-qari u l-ħlejqiet ta' dinjet il-fantasija

Darba fuq xkaffa f'librerija, Kim lemħet il-ktieb *Il-ħlejqiet ta' dinjet il-fantasija*. Issellfitu u marret id-dar. *(par. 1)*

Waqt li bdiet tqalleb intebħet li l-istejjer u l-istampi bdew jiċċaraw. Kif waslet f'paġna fejn kien hemm stampa ta' unikornu, **għajnha marret biha.** Ma damitx rieqda għaliex qajjimha ħoss. Kien l-unikornu tal-ktieb. Dan qalilha: "Kim, jien l-unika ħlejqa mid-dinja tal-fantasija li għadni ħaj, iżda ma tantx fadalli ħajja. Jeħtieġ li tgħinna. Jekk il-bnedmin mhux se jaqraw, mhumiex se jiżviluppaw l-immaġinazzjoni u aħna l-ħlejjaq tal-fantasija mmutu. Għinna billi tħeġġeġ lill-bnedmin jaqraw għaliex ma' kull ktieb li jinqara, aħna nerġgħu ningħataw il-ħajja." *(par. 2)*



Ma' dan il-kliem, l-unikornu reġa' daħal fil-ktieb. Kim ftakret fil-preżentazzjoni li kellha u ddeċidiet li tagħmilha dwar il-ħtieġa tal-qari. Iddispjaċieha li bħal bosta nies, ma kinitx qed taqra u li minħabba f'hekk id-dinja tal-maġija ma baqgħetx tiġġedded. *(par. 3)*

Wasal jum il-preżentazzjoni imma l-unikornu kien kważi għeb għalkollox. Kim ma riditux li jmut, la lilu u lanqas lil sħabu. Għalhekk matul il-preżentazzjoni tagħha tant tkellmet b'passjoni, li sħabha tal-klassi kollha marru jissellfu l-kotba. Xtaqu li bħal Kim ikollhom dak l-entużjażmu frott il-qari. U hekk il-ħbieb ta' Kim iddakkru u ħeġġew lil sħabhom u qatt daqs dawk il-jiem, il-librerija ma rat daqshekk nies għax **il-kliem iqanqal u l-eżempju jkaxkar**. *(par. 4)*

Dakinhar tal-preżentazzjoni, Kim tant emmnet f'dinjet il-fantasija, li l-unikornu u sħabu reġgħu ħadu l-ħajja. Il-ktieb reġa' żżewwaq bil-kuluri u bl-ogħna stejjer tal-fantasija. Għalkemm il-ktieb ħaditu lura l-librerija, Kim baqgħet tiltaqa' mal-unikornu f'kotba oħra, li bħalu, kienu sors sabiħ fejn il-ħolm u l-fantasija jilħqu l-milja tagħhom. *(par. 5)*

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(14-il marka)** | **___ 14** |
|---|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.**

1. X'lemħet Kim darba fuq xkaffa f'librerija u x'kien jismu?

   ______________________________ (marka)

2. Xi ntebħet waqt li fetħet dan il-ktieb u bdiet tqalleb il-paġni tiegħu?

   ______________________________ (marka)

3. Min qajjimha lil Kim u għaliex flimkien ma' sħabu kienu fil-periklu tal-mewt?

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

4. Xi ddeċidiet li tagħmel Kim quddiem sħabha biex tgħin lil dawn il-ħlejjaq?

   ______________________________ (marka)

5. Tort ta' min kien il-fatt li d-dinja tal-maġija ma baqgħetx tiġġedded?

   ______________________________ (marka)

6. Taħseb li l-preżentazzjoni li għamlet Kim kienet ta' suċċess? Agħti eżempju mis-silta biex turi dan.

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

7. Għaliex minkejja li Kim ħadet il-ktieb lura l-librerija, xorta waħda baqgħet tiltaqa' mal-unikornu?

   ______________________________ (marka)

8. Kieku kellek tikteb titlu ieħor għal din l-istorja, xi jkun u għaliex issemmiha hekk?

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

9. Taħseb li kif qal l-unikornu, hemm rabta bejn il-qari u l-iżvilupp tal-immaġinazzjoni fil-bnedmin? Għaliex taħseb hekk?

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

10. Minn din l-istorja agħżel **kelma** li fil-fehma tiegħek hija importanti. Ħdejha niżżel **għaliex tħoss li hija importanti għall-istorja.** (marka)

| **Il-kelma magħżula:** | **Ir-raġuni għaliex tħoss li din il-kelma hija importanti għall-istorja:** |
|---|---|
| | |

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** | ___ **10** |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Agħti **l-għadd imtenni** tal-kelma mmarkata:<br>**għajnha** marret biha (par.1) | (marka)<br>________________ |
| 2. | Agħti **l-plural miksur** ta': jum (par. 4) | (marka)<br>________________ |
| 3. | Mir-raba' paragrafu, sib frażi li qiegħda f**l-istat kostrutt**. | (marka)<br>________________ |
| 4. | Uża **l-pronomi mehmużin** sabiex tikteb il-frażi mogħtija **f'kelma waħda**: | |
| | lemħet il-ktieb (par. 1) | (marka)<br>________________ |
| 5. | Minn paragrafu 4 sib il-verb li għandu **l-għerq**: | |
| | m-w-t | (marka)<br>________________ |
| 6. | Agħti **n-nom verbali** ta':<br>stampi (par. 2) | (marka)<br>________________ |
| 7. | Agħti **l-parteċipju passiv maskil singular** ta' preżentazzjoni (par. 3). | (marka)<br>**il-parteċipju passiv maskil singular:**<br>ġie________________ |
| 8. | Agħti **l-grad komparattiv tal-aġġettiv** fil-frażi mogħtija:<br>Il-ktieb reġa' żżewwaq bil-kuluri u b**l-ogħna** stejjer tal-fantasija.(par. 5) | (marka)<br>________________ |
| 9. | Fi kliemek spjega **l-qawl**:<br>*il-kliem iqanqal u l-eżempju jkaxkar* (par. 4) | (marka)<br>________________<br>________________<br>________________ |
| 10. | Fi kliemek spjega **l-idjoma**:<br>*għajnha marret biha* (par. 2) | (marka)<br>________________ |

| Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali | (6 marki) | ___ 6 |
|---|---|---|

Agħżel **waħda** minn **Ċi JEW Ċii**.

υ **Ċ1.** Ikteb **ittra elettronika** ta' madwar **40-60 kelma** lill-editur ta' gazzetta lokali, ***Il-Qawwara***. Fiha agħmillu talba, sabiex paġna mill-gazzetta li toħroġ kull nhar ta' Ħadd, tkun iddedikata għall-qari bil-Malti. Issuġġerilu xi ideat oħra li permezz tagħhom din il-paġna tista' tħeġġeġ u tqajjem interess fil-qarrejja sabiex jaqraw aktar bil-Malti.

Ismek: Karl / Karla Micallef
Indirizz elettroniku tiegħek: krlmical@risqubarka.org
Indirizz elettroniku tal-editur tal-gazzetta: ilqawwara@gazzettalokali.org

**JEW**

υ **Ċ2.** Ikteb **ittra elettronika** ta' madwar **40-60 kelma** lis-Sindku tal-lokal tiegħek. Fiha itolbu sabiex jorganizza serata fis-sala tal-kunsill lokali fejn matulha r-residenti tal-lokal jattendu u jġibu magħhom ktieb li ħalla impatt sabiħ f'ħajjithom. Issuġġerilu xi ideat oħra li permezz tagħhom din is-serata tista' tiġbed għadd ta' residenti mil-lokal ta' etajiet differenti, fejn ilkoll jingħaqdu flimkien, sabiex quddiem residenti oħra jitkellmu dwar l-aktar ktieb għal qalbhom.

Ismek: Marjo / Marija Borg
Indirizz elettroniku tiegħek: marborg@tikberutitgħallem.org
Indirizz elettroniku tal-editur tal-gazzetta: sindku@kunsillokali.org

**Immarka n-numru tal-mistoqsija magħżula** υ ❑ **Ċ1** ❑ **Ċ2**

| Ibgħat | | |
|---|---|---|
| | **Lil:** | |
| | **Mingħand:** | |
| | **Suġġett:** | |

________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

| Taqsima D. Il-Letteratura | (30 marka) | ___ 30 |
|---|---|---|

**Di. Il-Poeżija** (Nadriet 2 ta' Tarċisju Zarb) **(10 marki)**

1. Din hija strofa mill-poeżija **Gelmus** ta' Ġorġ Zammit.



**Fuq għoljietek, Gelmus, irrid nitla'**
**Fejn inħosshom joqorbu s-smewwiet,**
**Fejn id-dinja, b'tilwimha, titbiegħed,**
**U tissaffa bis-sliema u s-skiet;**
**Fuq għoljietek, Gelmus, irrid nitla',**
**Fuq għoljietek naf ninsa kull hemm:**
**Kulma ħażżen u ħażżem il-ħajja**
**Bid-dmugħ u bid-demm.**

a. Il-poeta tela' fuq l-għolja ta' Gelmus biex:
   i. jinqata' ftit mill-problemi tad-dinja ❑
   ii. japprezza n-natura ❑
   iii. jaqta' ftit sagħtar ❑ (marka)

b. Fl-istrofa t'hawn fuq il-poeta qed jitkellem direttament mal-__________________________ (marka)

ċ. Fisser il-vers: "**Fuq għoljietek naf ninsa kull hemm**"
   ______________________________________________________________ (marka)

d. Mill-istrofa t'hawn fuq sib u ikteb:
   i. anafora: ______________________________________________________ (marka)
   ii. żewġ kelmiet li jirrimaw: ____________________________________ (marka)

2. Aqra din is-silta meħuda mill-poeżija ta' Rużar Briffa, **Ballata** u wara wieġeb il-mistoqsijiet.



**Int taf, ja knisja mwarrba,**
**żewġt iqlub rajt imqgħannqin,**
**rajthom b'ħeffa qed jitbewsu,**
**rajthom f'demmhom imgħarrqin.**

a. Ballata fiha:
   i. storja romantika li tispiċċa fi traġedja ❑
   ii. leġġenda li twassal messaġġ ❑
   iii. ħrafa storika ❑ (marka)

b. Lil min qed jindirizza l-poeta fil-poeżija? ________________________________ (marka)

ċ. Min kienu ż-"**żewġt iqlub**" li ra mgħannqin u jitbewsu? (marka)

________________________________________________

d. Għaliex spiċċaw f'demmhom mgħarrqin?

________________________________________________ (marka)

e. Il-vers *rajthom b'ħeffa qed jitbewsu* fih: i. 6 sillabi ❑ ii. 7 sillabi ❑ iii. 8 sillabi ❑ (marka)

**Dii. In-Novelli.** (Arja Friska 2: Antoloġija ta' Novelli) **(10 marki)**

Agħżel **TNEJN** minn dawn in-novelli u wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarhom.

**1. FULU U SKARTOĊĊ ta' Paul P. Borg**

a. F'din in-novella jidher li l-karattru prinċipali: (marka)

i. ma tantx kien jirrispetta l-ambjent ❑
ii. kellu għal qalbu x-xogħol tar-raba' ❑
iii. kien dilettant tal-kaċċa ❑

b. Meta miet ix-xiħ, l-għalqa tiegħu, uliedu: (marka)

i. krewha lil nies oħra ❑
ii. traskurawha ❑
iii. baqgħu jieħdu ħsiebha ❑

ċ. Il-karattru prinċipali xerred l-iskrataċ fl-għalqa biex: (marka)

i. il-kaċċaturi jindunaw minn fejn għandhom jisparaw ❑
ii. jeħlu l-kaċċaturi li daħlu fl-għalqa ❑
iii. għax ma riedx iħallihom fil-karozza ❑

d. Il-karattru prinċipali fi tmiem in-novella jidher: (marka)

i. jirranġa l-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa ❑
ii. jaqra l-paġna tal-ambjent fuq il-gazzetta ❑
iii. jiġbor l-affarijiet kollha li ħallew warajhom ❑

e. **L-ambjent kien wisq għal qalbu**. Taħseb li din is-sentenza hija konklużjoni tajba għal din in-novella? Għaliex? (marka)

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

**2. ID-DILEMMA TA’ SARA ta’ Nora Macelli**

a. Fil-mixja tagħha Sara għaddiet mal-ġenb ta’: (marka)

i. ħafna għelieqi bis-siġar tal-larinġ ❑

ii. ċentru ta’ detenzjoni ❑

iii. kwartieri tas-suldati ❑

b. Fil-mixja tagħha Sara tidher li: (marka)

i. kienet attenta għan-natura ta’ madwarha ❑

ii. kellha xewqa li tara s-suldati jitħarrġu ❑

iii. riedet taqta’ xi frott mis-siġar li kien hemm ❑

ċ. F’daqqa waħda semgħet xi tħaxwix fil-ħaxix li kien: (marka)

i. żiemel jonfor ❑

ii. suldati għassa ❑

iii. raġel Afrikan ❑

d. Fi tmiem in-novella Sara ħalliet warajha: (marka)

i. bezzun u flixkun ilma ❑

ii. il-kamera diġitali ❑

iii. il-mowbajl ❑

e. X’kienet l-għażla li għamlet Sara fi tmiem in-novella? Taqbel mal-għażla tagħha? (marka)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**3. WILD MIFXUL ta’ Lino Spiteri**

a. Il-karattru prinċipali ta’ din in-novella jidher li kien tifel: (marka)

i. ġelliedi ❑

ii. magħluq fih innifsu ❑

iii. traskurat ❑

b. It-tifel ma setax jifhem: (marka)

i. kif in-nies ma baqgħetx tibża’ mill-ħsejjes li ġejjin mis-sema ❑

ii. kif missieru ġie lura mill-gwerra ❑

iii. għaliex missieru kien jaħdem in-nar ❑

ċ. Minn missieru t-tifel tgħallem li jekk irid jimxi 'l quddiem irid: (marka)

i. iqum fuq tiegħu ❑
ii. isir jaf x'qed jiġri madwaru bil-qari ❑
iii. jitkellem iktar ma' sħabu ❑

d. Is-Sir tal-iskola tah: (marka)

i. gazzetta ❑
ii. ktieb ❑
iii. enċiklopedija ❑

e. X'kienet ir-reazzjoni ta' sħab dan it-tifel fi tmiem in-novella? X'ġara u għaliex għamlulu hekk? X'taħseb fuq dak li għamel it-tifel? (marka)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**4. L-GĦOLJA TAD-DEHEB U TAT-TEŻORI ta' Ġorġ Pisani**

a. L-Għolja tad-Deheb kien jisimha: (marka)

i. Gelmus ❑
ii. Ċittadella ❑
iii. il-Gran Kastell ❑

b. Sidor, il-bidwi ma baqax isib paċi f'qalbu għaliex: (marka)

i. kellu xi jgħid ma' martu ❑
ii. xi ħadd ħadlu l-għalqa ❑
iii. beda jħaffer biex isib it-teżor ❑

ċ. Is-Sur Pupull spiċċa l-ħabs għax: (marka)

i. żamm it-teżor għalih ❑
ii. seraq it-teżor mingħand Sidor ❑
iii. kellu xi jgħid mal-Gran Mastru ❑

d. Mal-mewt tas-Sur Pupull: (marka)

i. il-Gran Mastru sar jaf fejn hu t-teżor ❑
ii. it-teżor reġa' lura għand Sidor ❑
iii. is-sigriet tal-moħba miet miegħu ❑

e. X'taħseb li huwa l-messaġġ prinċipali ta' din in-novella? (marka)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Diii. Ir-Rumanz** (Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta ta' Trevor Żahra) **(10 marki)**

> **"... dawk t'hemm isfel fommhom issiġillat għax jinsabu taħt is-saqaf. Imma jien ħieles aktar minnhom... Dik it-tfajla kienet l-unika mara li qatt mietet taħt dan is-saqaf. L-ispirtu tagħha baqa' jrid jitħallas... u mas-snin l-ispirtu ħakem id-dar kollha, kull ġebla u kull maduma, kull tieqa u bieb."**

Dawn huma partijiet mill-konverżazzjoni li kellu Toni ma' Danjeli.

1. Danjeli kien iqis lilu nnifsu ħieles aktar mill-oħrajn għax kien joqgħod: (marka)

   a. fuq il-bejt ❑

   b. fil-kamra ta' wara l-fuklar ❑

   ċ. f'kamra arjuża ❑

2. Min kienet omm Danjeli? (marka)

______________________________________________

3. X'kien jisimha t-tfajla li semma Danjeli? (marka)

   a. Antida ❑

   b. Grace ❑

   ċ. Marmion ❑

4. X'kien jeħdilha Toni biex trattab qalbha? (marka)

______________________________________________

5. Minn xiex kien jibża' dan Danjeli u x'kien iħobb?

   Kien jibża' mill-______________________ u jħobb il-__________________ (marka)

6. Fejn kien miet Danjeli? (marka)

   a. fil-kamra taz-zija Antida ❑

   b. minxur f'nofs ta' triq wara li kienu ġrew warajh ❑

   ċ. marbut bil-bnadar quddiem il-fuklar ❑

7. Ikteb madwar **60 kelma** dwar **WIEĦED** minn dawn:

**Il-Kavallier Fra Claude Roussel**
**JEW**
**in-nannu Tittu u n-nanna Wistina**
**JEW**
**Paċifku**

________________________________________ (4 marki)

| **Taqsima E. Il-Komponiment** | **(20 marka)** | ___ **20** |
|---|---|---|

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **250 kelma** fil-linji pprovduti.

1. **Narrattiv:** *Ibda l-komponiment b'dan li ġej.* Kien baħar jibla' l-art meta Nardu ħareġ bid-dgħajsa ta' missieru ...

**Għajnuniet:**
- **Tinsiex li dan il-komponiment trid tibdieh bis-sentenza mogħtija.**
- Iddeskrivi lil Nardu.
- Fejn ġrat din l-istorja? Tista' tiddeskrivi wkoll kif kien it-temp dakinhar.
- X'tip ta' dgħajsa kienet dik li ħareġ biha Nardu?
- Għaliex dakinhar Nardu ħareġ b'din id-dgħajsa?
- Hemm xi tagħlima fit-tmiem ta' din l-istorja?

2. **Deskrittiv:** Basket tal-iskola li niddisinja jien

**Għajnuniet:**
- Iddeskrivi l-basket.
- X'għandu differenti minn basktijiet oħra?
- B'liema tip ta' materjal huwa magħmul?
- Huwa tajjeb għax-xemx u x-xita?
- Minn fejn ġietni l-idea għad-disinn ta' dan il-basket?

3. **Argumentattiv:** Il-kotba għandhom jinqraw minn fuq il-kompjuter u mezzi teknoloġiċi oħrajn (*laptop, tablet, kindle...*), jew billi jinżammu fl-idejn u jiddawru l-paġni b'mod tanġibbli? Iddiskuti.

**Għajnuniet:**

- Taħseb li t-teknoloġija affettwat il-qari u l-kotba? Jekk iva kif?
- X'vantaġġi u żvantaġġi hemm għal dawk il-qarrejja li jaqraw il-kotba minn fuq il-kompjuter u mezzi teknoloġiċi oħrajn?
- X'vantaġġi u żvantaġġi hemm għal dawk il-qarrejja li jaqraw il-kotba f'idejhom b'mod tanġibbli?
- X'futur taħseb li hemm għall-qari u l-kotba fost it-tfal, iż-żgħażagħ u persuni aktar maturi?
- X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-qari permezz ta' mezzi teknoloġiċi u dawk billi jinżammu fl-idejn u jiddawru l-paġni b'mod tanġibbli?

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**

**Immarka n-numru tal-komponiment magħżul υ** ❑ **1** ❑ **2** ❑ **3**

**TMIEM IL-KARTA**